MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2014

Numru 1048/2014

**SPETTUR CAROL FABRI**

**VS**

**SALEM ELAIDY**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Salem Elaidy ta’ 23 sena, bin Mansur u Luran mwieled Libja fit- 8 ta’ April 1991, residenti Centru Miftuh, Hal- Far, limiti Zurrieq u detentu tan- numru ta’ referenza 13377/12 hekk kif moghti lilu mill-Kummissjoni Refugjati Malta;

Talli fit- 23 ta’ Ottubru 2014 ghal habta ta’ 00.00 u fil- hinijiet ta’ wara gewwa Troq Santu Wistin, San Giljan;

1) Ikkommetta serq ta’ flus kontanti ghad- detriment ta’ Siyana Smoletsova u/ jew persuni ohra liema serq ma jeccedix €232.24 imma kkwalifikat bil- hin;
2) Ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi f’ dawn il- Gzejjer volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix €250 pero teccedi €23.29 ghad- detriment ta’ Hugo Chetcuti;
3) Aktar talli f’ dawn il-Gzejjer, matul l- istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi, kiser il- providemtn tal- Artikoli 28° u 28B tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta meta nhar il- 25ta’ Novembru 2013, hu gie misjub hati ta’ reat mill- Qrati ta’ Malta u meta gie kkundannat ghal perjodu ta’ sentejn prigunerija, liema piena giet sospiza ghal perjodu ta’ erba’ (4) snin, b’ sentenza li saret definittiva u li ma tistax tibdel;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi, u wara li l-imputat gie mwissi solennement minn din il-Qorti dwar il-konsegwenzi li din l-ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 270, 325, 28A, 28B, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il-Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tordna hrug ta' Ordni ta' Probation ghal tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 7 tal- Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Testendi l- perjodu operattiv tas- sentenza sospiza datata 25 ta' Novembru, 2013, ghal erba' (4) snin. Tordna wkoll, inoltre, lill-imputat ihallas is-somma ta' mitejn u tmienja u ghoxrin ewro (€228) lid- derubati, ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kap 446.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------